**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 18 ta` Marzu 2021**

**Kawza Nru. 5**
**Rikors Nru. 12/2020 JZM**

**Isadora Chetcuti**
**[714657(M)]**

***kontra***

**Hobby Market Limited (C16683)**

***u***

**Dr Fiona Armeni**
**[K.I. nru. 1616789(M)]**

***u***

**Ir-Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li kien prezentat fit-<u>18 ta` Mejju 2020</u> u li jaqra hekk :–

*1. Dan l-ahhar, ir-rikorrenti ressqet biex tbiegh proprjetà li minghaliha kienet taghha personalment – is-subutile dominium temporanju ghar-rimanenti zmien minn mija u hamsin (150) sena b`effett mis-sbatax (17) t`Ottubru 1965, rivedibbli, tal-garage bla numru u mhux ufficjalment maghruf bl-ittra `B`, li jgib in-numru mhux ufficjali sittax (6), sottopost ghal korp ta` flat bla numru, jismu South Pacific, fi Triq l-Ahdar, gja Triq Gdida li tizbokka fi Triq il-Gidwet, Marsaskala, soggett ghac-cens annwu, temporanju u rivedibbli ta` €2.33. Gara izda illi mir-ricerki notarili li saru, hareg illi l-proprjetà kienet ghadha tas-socjetà Hobby Market Limited (C16683) [qabel jisimha Anonima Chetcuti Developments Limited], li taghha r-rikorrenti kienet membru (flimkien ma` zewgha, illum mejjet), izda li kienet giet stralcjata mir-Registru fl-1 ta` Jannar 2020.*

*2. Jidher ghalhekk illi fil-process tal-istralc, din il-proprjetà ma gietx ikkalkolata. Din il-proprjetà hija soggetta ghal konvenju datat 28 ta` Jannar 2020. Ir-rikorrenti tixtieq illi tirregola l-pozizzjoni u tghaddi ghall-bejgh qabel ma jaghlaq il-konvenju, u terga` ssir id-distribuzzjoni tar-rikavat.*

*3. Dottor Fiona Armeni, citata fir-rikors, kienet il-likwidatur.*

*4. L-esponenti tixtieq ghalhekk tipprocedi ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Kapitolu 386, bil-ghan illi l-proprjetà tigi trasferita kif mwieghed, u r-rikavat imhallas lill-azzjonisti.*

*Jghidu ghalhekk l-intimati, ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa necessarja :*

*1. Tordna, in vista tal-premess, dik ir-rettifika meqjusa necessarja, taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.*

*2. Alternattivament, tordna li l-isem tal-kumpannija jkun restitwit fuq ir-registru u li l-istralc jerga`jinfetah ghar-ragunijiet premessi, inkella ghal dawk ir-ragunijiet u ghal dak iz-zmien li l-Qortiti*

*specifika fid-decizjoni taghha, u skont id-direttivi u l-imposizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati, li jinsabu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dokumenti pprezentati mal-istess rikors.

Rat ir-risposta li pprezenta r-Registratur tal-Kumpanniji fis-<u>27 ta` Lulju 2020</u> u li taqra hekk :-

*Illi in kwantu ghall-meriti fattwali ta` din il-kawza l-intimat jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju abli ta` dina l-Onorabbli Qorti.*

*Illi l-esponent ihoss li l-uniku interess tieghu f` din il-kawza kellu jikkoncerna dak li ghandu x`jaqsam mal-operat tieghu bhala Registratur kif mitlub minnu mill-Att dwar il-Kumpanniji, 1995 partikolarment fejn jikkoncerna r-registrazzjoni ta` dokumenti illi ghandhom jigu notifikati lilu skont xi wahda mid-dispozzizjonijiet tal-istess Att.*

*Illi ghaldaqstant wara illi r-Registratur ircieva d-dokumentazzjoni mibghuta lilu ghax-xoljiment tal-kumpannija Hobby Market Limited (C 16683), wara li kkonferma illi huma konformi mal-ligi, huwa mexa sabiex irregistrahom skont l-Artikolu 401 tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

*Illi madanakollu minhabba nuqqas ta` osservanza tad-dmirijiet u obbligazzjonijiet legali tal-istralcarju, l-esponent ipproceda sabiex, fil-1 t`Ottubru 2019, jippubblika, skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji, l-avviz illi l-kancellament tal-kumpannija kellu jigi fis-sehh f` gheluq tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviz imsemmi.*

*Illi minkejja talli pubblikazzjoni, hadd ma ghamel xi tip ta` oggezzjoni ghat-thassir tal-isem tas-socjeta` in kwistjoni matul it-tliet xhur fuq imsemmija.*

*Illi, ta` min jinnota, illi l-imsemmija socjeta` giet xolta voluntarjament fil-31 ta` Mejju 2005 fuq procedura mibdija mir-rikkorenti stess.*

*Illi wara l-kancellament tal-kumpannija wara illi ghalaq t-terminu preskritt mil-ligi, ir-rikorrenti fir-rikors promotur taghha qalet li ndunat illi mmobbli u drittijiet marbuta maghhom ma gewx meqjusa mill-istralcjarju.*

*Illi fil-proceduri odjerni r-rikorrenti qieghda titlob illi l-istralc jerga` jinfetah mill-gdid sabiex jittiehdu in konsiderazzjoni l-assi li thallew barra.*

*Illi hija qed tibbaza tali talba taht l-Artikolu 300A jew 300 tal-Att dwar il-Kumpanniji, 1995. Illi kif dejjem issostniet dina l-Onorabbli Qorti tali artikoli ghandhom jitqiesu bhala straordinarji u eccezjonali u l-Att jaghmilha cara illi tali rimedji ghandhom jinghatu biss meta ma jinstabx rimedju iehor.*

*Illi l-esponent umilment jissolleva, illi kemm-il darba dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq illi ghandu jinghata rimedju, ir-rimedju illi ghandu jigi akkordat huwa dak taht l-subrtikolu (4) tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji, 1995 illli jipprovdi specifikament ghac-cirkostanzi ta` kazijiet bhal dan tal-lum.*

*Illi tali rimedju ghandu jinghata taht dawk il-provedimenti u termini illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u bzonnjuzi f`dan il-kaz.*

*Illi l-intimat Registratur m` ghandux jinzamm responsabbli ghall-ebda spejjez gudizzjarji konnessi ma` dan il-kaz ghaliex huwa mexa b` mod korrett u skont kif titlob minnu l-ligi.*

Rat ir-risposta li pprezentat l-intimata Dr Fiona Armeni fil-<u>15 ta` Settembru 2020</u> u li taqra hekk :-

*1. Illi r-rikorrenti ssottomettiet rikors datat tmintax (18) ta` Mejju elfejn u ghoxrin (2020) fejn, in vista tal-fatt illi minn ricerki*

*maghmula fuq proprjeta` illi l-esponenti kienet qieghda tbiegh, nstabet li ma kinetx fuq isimha proprju izda kienet fuq isem is-socjeta` Hobby Market Limited (C 16683) li taghha r-rikorrenti kienet membru, liema kumpanija llum giet stralcjata di parte tar-Registratur tal-Kumpanniji, l-esponenti talbet lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex :*

*a. Tordna, in vista tal-premess, dik ir-rettifika meqjusa necessarja, taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.*

*b. Alternattivament, tordna l-isem tal-kumpanja jkun restitwit fuq ir-registru u li l-istralc jerga` jinfetah ghar-ragunijiet premessi, inkella ghal dawk ir-ragunijiet u ghal dak iz-zmien li l-qorti tispecifika fid-decizjoni taghha, u skont id-drittijiet u l-impozizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.*

*2. Illi, ghallkemm is-socji tas-socjeta` hawn fuq imsemmija appuntaw lil Dr Fiona Armeni bhala likwidatrici taghha, il-process tal-istralc tal-istess kumpanija waqaf u in fatti l-kumpanija giet stralcjata unilateralment di parti tar-Registratur tal-Kumpanniji fl-ewwel (01) ta`Jannar elfein u ghoxrin (2020) ai ternrini tal-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kapitlu 386 tal-Ligrjiet ta` Malta).*

*3. Illi l-mittenti ma hix il-legittima kontradittrici fil-kawza prezenti.*

*4. Illi kwalunkwe azzjoni di parte tal-mittenti giet preskritta.*

*5. Illi l-mittenti ma ghandha l-ebda oggezzjoni ghal dak li l-esponenti qeghdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti.*

Rat illi wara li hadet konjizzjoni tar-risposta tar-Registratur tal-Kumpanniji, ir-rikorrenti talbet korrezzjoni fir-rikors promotur sabiex l-azzjoni titqies bhala li kienet promossa skont l-Art 325 tal-Kap 386. It-talba kienet akkordata minghajr opposizzjoni.

Rat il-verbali tal-udjenzi tal-kawza.

Semghet ix-xiehda tan-Nutar Dr Carmel Gafa` u rat id-dokumenti li pprezenta.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Il-qorti rat l-Art 325 tal-Kap 386 li abbazi tieghu r-rikorrenti issa qeghda issejjes l-azzjoni taghha.

Riferibbilment ghas-subartikolu (4), hija l-fehma ta` din il-qorti illi r-rikorrenti tikkwalifika bhala persuna li ghandha interess sabiex tintavola l-azzjoni.

Tghid dan wara li qieset il-fatti li hargu mill-premessi tar-rikors, mix-xiehda tan-Nutar Dr Carmel Gafa` u d-dokumenti li pprezenta in sostenn tad-deposizzjoni tieghu.

Il-fatti debitament ippruvati ma gewx ikkontestati mill-intimati.

Il-qorti tifhem il-kawtela tar-Registratur intimat meta jigi biex jesprimi ruhu dwar talba sabiex kumpannija li isimha jkun thassar mir-registru terga` titqieghed fuq ir-registru. Fl-istess waqt tara wkoll disponibilita` min-naha tar-Registratur intimat li ma jostakolax talba ta` rikorrent meta din tkun timmerita konsiderazzjoni wara li jkunu saru l-accertamenti tal-kaz. Tant hu hekk li r-Registratur prattikament ihalli kollox f`idejn il-qorti sabiex tasal ghall-ahjar gudizzju.

**Minkejja li kien hemm mankanzi waqt il-konduzzjoni tal-istralc li wasslu ghat-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-Registru tal-Kumpanniji, il-qorti qieset ukoll ic-cirkostanzi li xprunaw lir-rikorrenti sabiex tiehu azzjoni, u cioe` l-biza` reali li *asset* u cioe` l-fond *de quo* li r-rikorrenti hasbet li kien jappartjeni lilha u lil zewgha (illum mejjet) *de proprio* izda li fir-realta` kien jappartjeni lill-kumpannija (li taghha thassar l-isem) u li dwarha kellha konvenju ta` bejgh ma` terzi, tispicca ssir proprjeta` tal-Istat, unikament ghaliex l-isem tal-kumpannija thassar mir-Registru minghajr ma hija tiehu**

**azzjoni, bil-konsegwenzi negattivi kollha li wiehed jista` jimmagina.**

**Tenut kont tal-fatti u cirkostanzi ta` dan il-kaz, il-qorti tqis ruhha sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jidhol fir-registru.**

**Ghall-ahjar konduzzjoni tal-istralc, sejra tappunta stralcjarju divers minn dak li kien responsabbli mill-istralc qabel sar it-thassir tal-isem mir-registru.**

**Il-qorti hija konvinta li l-istralcjarju li sejra taghzel sejjer jaghmel l-almu tieghu sabiex dak li ma sarx tajjeb minn haddiehor jaghmlu tajjeb hu fl-ahjar interess tal-persuni kollha interessati.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet kif gej :–**

**Tordna li l-isem Hobby Market Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C16683 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem Hobby Market Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C16683 ghandu jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-Registratur tal-Qorti kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem Hobby Market Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C16683 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-**

**Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Hobby Market Limited (C16683) rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Billi l-azzjoni tar-rikorrenti hija nkwadrata u ristretta ghall-applikazzjoni tal-Art 325 tal-Kap 386, tastjeni milli fil-kawza odjerna tipprovdi dwar x`ghandu jsir wara llum dwar l-istralc tal-kumpannija Hobby Market Limited (C16683).**

**Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment ghandhom jithallsu billi r-rikorrenti thallas l-ispejjez taghha, tal-kumpannija ntimata u tal-intimat Registratur tal-Kumpanniji; waqt li l-intimata Dr Fiona Armeni ghandha thallas l-ispejjez taghha.**

**Kull spiza ohra li tkun mehtiega sabiex il-provvediment odjern ikun effettiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**